5.2.2014

B7-0138/2014 }
B7-0139/2014 }
B7-0140/2014 }
B7-0158/2014 }
B7-0163/2014 }
B7-0164/2014 } RC1/Am. 1

**Emenda 1**
**Helmut Scholz**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE, ECR, EFD**
on the situation in Ukraine

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 7a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7a. Jenfasizza l-fatt li hu l-poplu tal-Ukraina, biss, li jista' jiddeċiedi, ħieles minn kwalunkwe indħil barrani, dwar l-orjentament ġeopolitiku tal-pajjiż u liema ftehimiet u komunitajiet li l-Ukraina għandha tingħaqad magħhom; jinsisti li hu biss il-poplu tal-Ukraina li jiddeċiedi dwar il-kwistjoni dwar jekk għandhux jiffirma u jirratifika jew le l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni nnegozjat mal-Unjoni Ewropea, jew jekk għandux isir rinegozjar ta' partijiet minnu, jew jekk għandhomx jissieħbu fl-Unjoni Ewro-Asjatika; iqis dawn id-deċiżjonijiet daqstant importanti li jiddeterminaw id-direzzjoni ġeopolitika ta' pajjiż għandhom isiru abbażi ta' kunsens politiku kemm jista' jkun mifrux bejn il-forzi politiċi differenti fil-pajjiż u abbażi ta' konsultazzjoni estensiva mal-popolazzjoni; jissuġġerixxi li jiġi kkunsidrat li jinżamm referendum dwar din id-deċiżjoni wara li jiġu ppublikati valutazzjonijiet tal-impatt konkreti dwar l-għażliet ekonomiċi possibbli u wara li*** |

***jitwettaq dibattitu pubbliku profond dwar l-isfidi futuri għas-setturi kollha tas-soċjetà tal-Ukraina;***

Or. en

**Emenda 2**
**Helmut Scholz**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE, ECR, EFD**
on the situation in Ukraine

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 7b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***7b. Jitlob lill-UE, lill-Istati Uniti tal-Amerika u lir-Russja biex jirrispettaw bis-sħiħ id-dritt sovran tal-poplu li jiddeċiedi dwar l-iżvilupp futur tiegħu, inkluż il-kooperazzjoni u l-assoċjazzjoni tiegħu ma' pajjiżi u organizzazzjonijiet u biex iżommu lura minn kwalunkwe forma ta' pressjoni finanzjarja, ekonomika jew politika; jappella bil-qawwa lill-UE, lir-Russja u l-atturi l-oħra kollha fir-reġjun, kif ukoll lill-Istati Uniti tal-Amerika, biex ma jindaħlux fl-affarijiet interni tal-Ukraina jew ta' kwalunkwe pajjiż ieħor fir-reġjun;*** |

Or. en